MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2007

Citazzjoni Numru. 622/2007

Bank of Valletta p.l.c.
vs
Revogue Company Limited, Joseph u Catherine mizzewgin Spiteri u Neville u Michelle mizzewgin Spiteri

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors tal-P.L. Joseph Zammit ghan-nom u in rappezentanza tas-socjeta' rikorrenti li bih espona:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fi tliet (3) kuntratti fl-atti tan-Nutar Dottor Robert John Muscat datati, tnejn minnhom 9 ta' Novembru 2000 (Dok "A" u Dok "B") u l-iehor datat 24 ta' Ottubru 2002 (Dok "C") is-socjeta` rikorrenti kienet ikkoncediet faclitajiet bankarji lis-socjeta` Revogue Company Limited;

2. Illi s-socjeta' rikorrenti tinsab kreditrici tas-socjeta` Revogue Company Limited fis-somma ta' tlieta u

sebghin elf, erba' mija u hamsa u sebghin liri Maltin u tmien centezmi (Lm73,475.08) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" ta' Revogue Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "D1 sa D3" u Dok "E1 sa E20") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-25 ta' April 2007 sad-data ta' l-effettiv pagament;

3. Illi permezz ta' tliet (3) kuntratti fl-atti tan-Nutar Dottor Robert John Muscat datati, tnejn minnhom 9 ta' Novembru 2000 (Dok "A" u Dok "B") u l-iehor datat 24 ta' Ottubru 2002 (Dok "C"), u permezz ta' skrittura privata datata 7 ta' Awissu 2000 (Dok "F"), l-intimati Joseph u Catherine mizzewgin Spiteri ggarantew flimkien u "in solidum" ma' Revogue Company Limited ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti ta' l-istess Revogue Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.;

4. Illi permezz ta' tliet (3) kuntratti fl-atti tan-Nutar Dottor Robert John Muscat datati, tnejn minnhom 9 ta' Novembru 2000 (Dok "A" u Dok "B") u l-iehor datat 24 ta' Ottubru 2002 (Dok "C") u permezz ta' skrittura privata datata 7 ta' Awissu 2000 (Dok "G"), l-intimati Neville u Michelle mizzewgin Spiteri ggarantew flimkien u "in solidum" ma' Revogue Company Limited ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti ta' l-istess Revogue Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.;

5. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt imsemmi (u esebit bhala Dokument "A") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Revogue Company Limited (a) naqset milli thallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta` rikorrenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt, (b) kienet inadempjenti f'obbligi ohra minnha assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Revogue Company Limited li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilta` tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` rikorrenti.

6. Illi r-rikorrent nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

7. Illi l-intimati gew interpellati permezz ta’ tliet ittri ufficjali datati 16 ta’ Awissu 2005 li kopji taghhom gew esebiti mar-rikors u mmarkati Dok “H”, Dok “I”, Dok “J”, sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Is-socjeta` rikorrenti talbet lill-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt imsemmi (u esebit bhala Dokument “A”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Revogue Company Limited (a) naqset milli thallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta` rikorrenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt, (b) kienet inadempjenti f’obbligi ohra minnha assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess Revogue Company Limited li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilta` tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` rikorrenti.

2. Tikkundanna lil Revogue Company Limited, lil Joseph u Catherine mizzewgin Spiteri u lil Neville u Michelle mizzewgin Spiteri flimkien u “in solidum” jhallsu lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta’ tlieta u sebghin elf, erba’ mija u hamsa u sebghin liri Maltin u tmin centezmi (Lm73,475.08) bilanc ghad-debitu fil-“Loan u Overdraft Accounts” ta’ Revogue Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok “D1 sa D3” u Dok “E1 sa E20”) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-25 ta’ April 2007 sad-data ta’ l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittri ufficjali datati fis-16 ta’ Awissu 2005 kontra l-intimati li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mis-socjeta` rikorrenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensur tas-socjeta` rikorrenti.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Rat li l-intimati debitament notifikati skond il-ligi baqghu kontumaci u ma dehrux ghas-seduta tal-lum u anqas deher hadd ghalihom.

Xehed Joseph Borg Cardona ***Manager Legal Office*** mal-Bank of Valletta u qal li minn meta gie prezentat ir-rikors sal-lum ma saru l-ebda depoziti fil-kontijiet.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk it-talbiet rikorrenti jidhru gustifikati u fuq kontumacja tal-intimati l-Qorti qed tilqaghhom u tiddikjara u tiddeciedi li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt imsemmi (u esebit bhala Dokument “A”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Revogue Company Limited (a) naqset milli thallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta` rikorrenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt, (b) kienet inadempjenti f’obbligi ohra minnha assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess Revogue Company Limited li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilta` tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` rikorrenti.

Tikkundanna lil Revogue Company Limited, lil Joseph u Catherine mizzewgin Spiteri u lil Neville u Michelle mizzewgin Spiteri flimkien u ***in solidum*** ihallsu lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta’ tlieta u sebghin elf, erba’ mija u hamsa u sebghin liri Maltin u tmin centezmi (Lm73,475.08) bilanc ghad-debitu fil-***Loan*** u ***Overdraft Accounts*** ta’ Revogue Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok “D1 sa D3” u Dok “E1 sa E20”) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-25 ta’ April 2007 sad-data ta’ l-effettiv pagament.

Spejjez kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------